IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru27 (sebgħa u għoxrin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa 25 ta' Novembru, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Il-Kunsillier | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**26.1. Item Nru 26.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

26.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm u inqrat ittra tas-Sinjura Mary Doris Borg li ma setgħetx tattendi. Għalhekk ġiet ikkunsidrata bħala skużata.

**26.2. Item Nru. 26.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

26.2.1. il-Minuti tal-laqgħa 25 ittieħdu bħala moqrija u bi qbil unanimu ġew approvati.

**26.3 Item Nru. 26.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Is-Sindku Neil Attard tkellem fuq laqgħa li kellna mal-Perit Charles Buhagiar dwar il-proġett tal-binja tal-Boċċi. Is-Sur Attard qal li qbilna fuq il-pjanta u li napplikaw għall-permess tal-planning authority.

Apparti hekk reġgħet saret enfażi fuqi l-bżonn li jkollna l-compliance certificate tal-*Multipurpose hall.* Il-Perit qal li ser ikun qed jieħu ħsiebha biex jinġieb mil-aktar fis possibli.

26.3.2 Is-Sindku qal li ser nitolbu wkoll laqgħa mal-Perit Bezzina fuq affarijiet pendenti. Liema laqgħa diġa intalbet xi ġimgħat ilu. Fost l-affarijiet li rridu nitkellmu dwarhom hemm il-Culverts, Roundabout il-biċċa ta' fejn il-joejoes.

26.3.3 Is-Sindku qal li għandna aġġornament fuq il-*jogging track* fejn wara l-budget 2021 jidher li ġew ivvutati aktar flus għal dan il-proġett li jlaħħqu 300,000 oħra. Is-Sur Natalina Attard ikkonfermalna dan b'email u li ser tissejjaħ laqgħa fil-bidu tas-sena d-dieħla.

26.3.4 Is-Sindku qal li għandna ffissata laqgħa mas-Sur Joseph Caruana Permanent Secretary tal-Ministeru tal-Infrastruttura dwar ir-railing tax-Xatt. Din il-laqgħa ser issir nhar l-1 ta' Diċembru online fis-2pm.

**26.4 Item Nru 26.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

26.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk nistgħu inkellmu lil Kuntrattur li ħadem it-toroq ġodda għaliex fi Triq l-Ispnott għad hemm ħafna skart tal-kostruzzjoni. Is-Segretarju qal li diga tkellem mal-Kuntrattur u assigurah li dan l-iskart mhux tiegħu. Għalhekk sar qbil li nitolbu l-assistenza mil-Cleansing Department u nkellmu lis-Sur Ramon Deguara.

**26.5 Item Nru. 26.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarji**

26.5.1 Ma kienx hemm rapporti finanzjarji.

**26.6 Item Nru. 26.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

26.6.1 Is-Segretarju ipprezenta performance appraisals tal-Ħaddiema Community Workers Scheme u kulħadd qabel li jieħdu l-massimu tal-bonus.

**26.7 Item Nru. 26.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

26.7.1 Pagamenti b'numru 98 ġew approvati unanimament.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

**26.8 Item Nru. 26.26 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

26.26.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**26.9 Item Nru. 26.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

26.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm

Aġġornament għal-nhar l-Erbgha 23 ta' Diċembru, 2020 fil-5.30pm

IFFIRMAT

________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMAT

________________________

Neil Attard

Sindku